## L-Għar

Is-sejba tal-għar ta' Bur Megħeż żgur li kienet pass importanti ferm mhux biss għar-raħal tal-Imqabba iżda wisq aktar għall-istudju tal-preistorja ta' pajjiżna[1]. F'artiklu intitolat 'An Important Archaeological Discovery – Prehistoric Burials at Burmegħeż', Augusto Bartolo jenfasizza l-importanza ta' din l-iskoperta u dwar Bur Megħeż jgħid hekk:

> *... although the Burmegħeż cave is short of all that magnificence which has caused the Ħal Saflieni monument to be truly regarded as unique in the world, yet in some respects, its discovery is still more important that that of the hypogeum; for whereas in the latter place almost all the human bones were found heaped up in utter disorder, most of the humna remains discovered at Burmegħeż were found lying in their natural position, and the discovery of whole skeletons, buried regularly, conveys a clear idea of the manner of burial in prehistoric times.*[2]

Analiżi ta' dawn is-sejbiet insibuha f'rapport li l-Professur Napuljun Tagliaferro ppreżenta lis-Soċjetà Storika fl-1911. F'dan ir-rapport Tagliaferro jitkellem dwar kif hu mar fil-barriera "tan-Naxxari" madwar nofs mil fil-Grigal tal-Imqabba u studja diversi għadam u snien umani li nstabu ġewwa fissura fil-blat. L-ewwel impressjonijiet li ħa kienu ta' fdalijiet li jmorru lura għal żmien Paleolitiku. Hu beda l-esplorazzjoni tal-għar fl-1911[3] u sejjaħlu bħala 'Bur Megħeż Cave' għalkemm il-ħaddiema tiegħu kienu jsejħulu 'l-Għar tal-Katavri'.

Fid-diskussjoni li saret wara li Tagliaferro ppreżenta r-rapport tal-iskavi, Temi Zammit qal li s-sejba ma tħalli l-ebda dubji li nies Neolitiċi għexu jew indifnu f'dan il-post. L-importanza ta' din l-iskoperta kienet ġejja mill-fatt li ftit kienu saru studji qabel dwar il-preżenza ta' fdalijiet umani f'għerien jew aħjar fissuri fil-blat. Dan għaliex ħafna drabi dawn kienu jitkissru meta jsir tħaffir għall-blat. Dwar l-għar proprju, Tagliaferro kien tal-opinjoni li dan kien wieħed naturali iżda Temi Zammit innota li xi partijiet, speċjalment għall-ventilazzjoni, żgur li saru bl-idejn.

Skavi oħra fl-istess sit saru minn Mr G.G. Sinclair f'Ottubru tal-1922. Hawn l-iskavi kienu kkonċentrati fuq fissura fil-blat fuq il-lemin tad-daħla prinċipali ta' Bur Megħeż. Minkejja l-istat ħażin tal-fdalijiet, Sinclair ġabar madwar 2250 sinna umana, fl-parti kbira ta' nies adulti iżda wkoll b'numru qawwi ta' snien ta' tfal. Mill-informazzjoni miġbura minn din is-sejba ġie




Pjanta li turi d-dħul għas-sit ta' Bur Megħeż.
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)



The Museum
Valletta Malta
3rd January ..3.

Sir,

On the 12th December 1932 I asked that the P.W.D. should be so good as to let one of their surveyors accompany me to the Burmeghez quarry at Mkabba, with a view to properly safeguarding a prehistoric monument. the property of the Civil Govt.

As, so far, no answer was given to my urgent request I beg that the P.W.D. be kindly reminded of this simple but very important demand.

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,
Zammit
Director of the Museum.

The Honourable.
The Minister for Public Instruction.

Ittra tad-Direttur tal-Mużewijiet Sir Temi Zammit lill-Ministru tas-Settur dwar il-bżonn ta' protezzjoni għal Bur Megħeż.
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

kkalkulat li madwar sebgħin persuna kienu midfuna f'dan is-sit fi spazju ta' madwar għoxrin bi tnax-il pied.[4] Ma' dawn is-sejbiet wieħed irid iżid kwantità kbira ta' fuħħar, materjal ferm komuni iżda ferm illuminanti kważi f'kull skav arkeoloġiku.

Fis-16 ta' Lulju 1935 saret skoperta oħra relatata mal-għar ta' Burmgħeż. Din kienet fissura fil-blat fil-barriera tan-Naxxari, madwar 10 piedi'l bogħod mill-għar proprju li kien skopra Tagliaferro fl-1911. L-importanza tas-sejba kienet fit-taħlita ta' fdalijiet ta' annimali estinti minn Malta flimkien ma' konċentrazzjoni ta' fuħħar Puniku.[5] L-ispeċi ġew identifikati bl-għajnuna ta' Dorothea M.A. Bate.[6]

Evidenza ta' snien mis-sit ta' Bur Megħeż hija involuta fid-dibattitu jaħraq bejn arkejoloġiċi Maltin dwar il-preżenza ta' nies tal-perjodu Palelitiku f'pajjiżna. Fiċ-ċentru ta' din il-kontroversja jinsabu fost oħrajn diversi fdalijiet mis-siti ta' Ħal Saflieni u Bur Megħeż u l-kalkolu tal-kronoloġija ta' dawn il-fdalijiet. Dan jindika l-importanza tal-fdalijiet li nstabu ġewwa Bur Megħeż. Ifisser ukoll li ż-żona ta' madwar l-Imqabba hija waħda li kienet abitata mill-aktar żminijiet imbiegħda. Hi ħasra li dan is-sit sofra ħsarat kbar fit-Tieni Gwerra Dinjija.

Fis-6 ta' Diċembru 1932 id-direttur tal-Mużewijiet Temi Zammit kiteb lill-Ministru tal-Edukazzjoni (li dak iż-żmien kien jissejjaħ *Minister for Pubic Instruction*) biex jinfurmah li Mosè Zammit mill-Imqabba li kien il-proprjetarju tal-barriera 'tan-Naxxari' li fiha kien hemm l-Għar ta' Bur Megħeż kien kitiblu li persuna li kienet qed tgħid li hi sid l-għalqa kienet qed tħaffer barriera b'detriment għal-istess sit ta' importanza nazzjonali.[7] Hu talab sabiex id-Direttur tal-Kuntratti jindika sa liema grad wieħed seta' jipproteġi dan is-sit. Il-Gvern diġà kien ħa passi dwar dan l-għar għaliex kien xtraħ b'warrant numru 145 tad-29 ta' Settembru 1920.[8]



Il-Pjanta tal-Għar ta' Bur Megħeż.
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)



Plan showing by Red colour a plot of ground forming part of the Lands "Ta Burmeghez" situated within the limits of Micabiba, and by Red hatching a portion of Cave, belonging to the 'Mensa Vescovile' and held for 99 Years lease by Michele Zammit; and by Blue Colour another plot from same Lands with a portion of said Cave shown hatched Blue belonging as freehold, to the 'Mensa Vescovile,' proposed to be dismembered by the Government for Archeological purposes.

The plot coloured Red measures Tum: 0.2.8 and is valued as follows:
'Directum Dominium' belonging to the 'Mensa Vescovile' - - - £10.16.0.
'Utile Dominium' for the remaining 69 years of lease belonging to Michele Zammit - - - - - - - - - - - - - - - £37.17.0

The plot coloured Blue belonging to the 'Mensa Vescovile' measures Tum: 0.0.8 and is valued at - - - - - £5.7.0.

Total £54.0.0

N.B.:—
The Government shall have the right-of-way to the said Cave through the lands held on long lease by Michele Zammit on route shewn by Red line on the Site Plan, and Michele Zammit shall have the same right-of-way to the upper land through Ramp coloured Red.

Skrizzjoni fuq il-pjanta tal-esproprjazzjoni ta' Bur Megħeż.
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)




Pjanta li turi l-kobor tal-għar u kif dan kien f'żoni kemm tal-Gvern u l-Knisja. (Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

Interessanti l-fatt li meta Zammit jittajpja l-isem tal-Għar isejjaħlu Burmgħeż. Dan hu l-isem li naraw immarkat fuq diversi *survey sheets* antiki. Il-kelma 'Bur' insibuha użata f'diversi żoni oħra. 'Megħeż' hi l-mod kif bid-djalett Imqabbi wieħed jgħid il-kelma mogħoż.

Temi Zammit żar il-barriera kkonċernata fis-7 ta' Diċembru 1932. Wara din iż-żjara hu reġa' kiteb lill-Ministru sabiex jawtorizza li s-*surveyor* tad-distrett jakkumpanjah fuq il-lant sabiex jiġi stabbilit x'distanza ried ikun hemm sabiex jiġi ttollerat li jsir xogħol ta' qtugħ tal-ġebel li fl-istess ħin ma jikkawżax ħsara lil għar. Zammit fil-fatt mar mal-Inġinier tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, s-Sur Cumbo, u għamlu spezzjoni fuq il-post. Fir-rapport dwar din iż-żjara li jġib id-data tal-24 ta' Frar 1933[9] ġie kkonfermat li l-għar jinsab parzjalment taħt art tal-Gvern, parti oħra taħt art tal-Kurja li kienet mogħtija b'kirja fit-tul lil Giovanni Grixti. Grixti li kien joqgħod fi sqaq numru 2, Triq il-Lanġasa l-Imqabba kien qed jaqta' l-blat minn din l-għalqa.

Fl-1 ta' Marzu 1933 d-Direttur tal-Mużewijiet kiteb lil Giovanni Grixti u nfurmah li peress li l-Għar ta' Burmegħez hu skedat bħala sit privileġġjat taħt l-artiku 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni ta' Antikitajiet tal-1925. Infurmah li peress li hu kien qed jaqta' l-ġebel fil-qrib kien ser iżommu responsabbli għal kull ħsara li setgħet tiġri lill-għar ħtija ta' dak ix-xogħol.[10]

Il-borma kompliet titħawwar meta erba' xhur wara Temi Zammit irċieva ittra mill-Avukat Cachia Zammit f'isem Antonio Schembri magħruf bħala 'ta' farfar' bid-data tat-2 ta' Lulju 1933. Fiha hu jsostni li Schembri li kien joqgħod fi Triq Brolli Birżebbugia kien wieħed miż-żewġ sidien tal-barriera li hu jsejjħielha "ta' sebat irġiel" u kien qed jitlob kumpens għad-danni li sofra war li d-Dipartiment tal-Antikitajiet waqqfu milli jkompli jaqta' l-ġebel. Dan wassal sabiex tintalab kopja tal-kuntratt li sar fil-21 ta' Novembru 1921 quddiem in-nutar tal-Gvern, sabiex wieħed jikkonferma min kienu legalment is-sidien ta' dan is-sit.

Fil-kuntratt in kwistjoni kienu dehru l-Onor Joseph Huber li kien it-Teżorier u d-Direttur tal-Kuntratti, Alfonso Maria Galea, proprjetarju iben il-mejjet Pietro Paolo Galea imwieled fil-Belt u li meta sar il-kuntratt kien joqgħod f'Tas-Sliema. Deher ukoll Michele Zammit, negozjant iben il-mejjet Innocenzio imwieled u joqgħod l-Imqabba. Min-naħa tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi kien preżenti r-Reverendu Vincenzo Mangani, iben Paolo imwieled u joqgħod ir-Rabat tal-Imdina fil-kariga tiegħu ta' Prokuratur tas-Seminjaru tal-Isqof.

Il-bejgħ lill-Gvern kien sar b'kuntratt quddiem in-Nutar Giovanni Calleja Schembri bid-data tat-12 ta' Mejju 1883 kienu għaddew biċċa art bl-isem "Ta Bur Megħeż" fil-limiti tal-Imqabba. Abbażi tad-drittijiet li kienu jgħajtu lill-Gvern mid-dokumentazzjoni pubblika d-Direttur tal-Kuntratti, l-Onor. James A. Galizia CBE ħejja rikors għal quddiem il-Prim Awla tal-Qorti f'Novembru 1933. Fih kien ser jordna lil Grixti u Schembri biex jagħmlu tajjeb għal xi ħsara li għamlu u jordnalhom biex iħallu l-post b'mod immedjat. Heddidom ukoll li jekk jibqgħu ma jobdux, kien ser jieħu passi ulterjuri u kien ser ikollom iħallsu mhux biss il-ħsarat iżda anke l-ispejjeż legali.



Mosè Zammit (it-tieni mix-xellug) flimkien ma' Zaren Zammit (l-ewwel wieħed), il-pustier Ġiammari Mallia u Innocenzio Zammit (it-Taljan).

## Konklużjoni

Dan id-dokument li qed jiġi ppublikat għall-ewwel darba juri l-importanza tal-Għar ta' Burmegħeż u l-isforzi li kienu qed isiru fis-snin tletin sabiex dan jiġi mħares. Anke fi żmien tant 'l bogħod it-teheddida tal-iżvilupp kienet qed tħalli impatt direttament fuq il-wirt kulturali. Is-saħħa tal-flus u n-negozju kienet f'keffa ta' miżien waqt li l-wirt kulturali kien fil-keffa l-oħra. Sfortunatament, ir-raħal tal-Imqabba u l-wirt kulturali u arkejoloġiku Malti bħal kellu miktub fid-destin li jitlef lil dan is-sit. Iżda dwar dan, niddiskutu f'artiklu futur.

CHARLES J. FARRUGIA
BA(Hons), PG. Dip. Rec. Mgmt. (N'Castle), MA(Melit), MA(Lond)

### Noti u Referenzi

[1] Charles J. Farrugia, 'Storja minquxa fil-blat', f' Charles J. Farrugia (ed.), *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*, Mqabba-Malta 1998, pp. 3-4.

[2] Mużew Nazzjonali tal-Arkejoloġija, DAG.16.10 – Ittra oriġinal ppubblikata fid-*Daily Malta Chronicle*, 1 ta' Mejju 1911.

[3] N. Tagliaferro, 'Preshistoric Burials in a Cave in Bur Megħeż, near Mkabba, Malta' fl-*Archivum Melitense*, vol. I, Settembru 1912.

[4] *Museum Annual Report* 1922-23, 03.

[5] Fost dawn instabu fdalijiet ta' *Equus sp., Cervus sp., Sus sp., Vulpes Sp., Testudo Sp.*

[6] *Museum Annual Report* 1935-36, 333-334.

[7] Informazzjoni dwar l-istess Mosè u l-barriera tiegħu konna diġà tajna f'Noel Buttigieg, 'L-Imqabba fil-bidu tas-Seklu Għoxrin (1902-27): Xi aspetti tal-ħajja soċjali fi żmien it-twaqqif tal-każini' f'Charles J. Farrugia, Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba, 2012, p. 353. F'dak l-artiklu konna ppublikajna Okkorrenza tal-Pulizija li kienet tgħid li Mosè Zammit, bin Michele, fi Frar tal-1914 informa lill-pulizija li sab nieqsa mill-barriera tiegħu fl-inħawi ta' Bur Megħeż sitt skriepel, sitt spnejjer, żewġ imtieraq u fies li kienu jammontaw għal valur ta' sterlina.

[8] NAM (L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta) EDU607/1932, red. 1.

[9] Jidher li kien hemm aktar spezzjonjiet minn waħda għaliex f'minuta 4 tal-istess fajl Temi Zammit jgħid li ltaqa ma Cumbo "*on the spot on several occasions*".

[10] NAM, EDU607/1932, red. 8.